MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 48/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Vella)**
**Vs**
**Francis Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta’ Mejju, 2008, ghall-habta ta’ 9.00 hrs, fl-ghalqa (Rasberry F/H) li tinsab f’Misrah Suffara, Dingli, minghajr il-hsieb illi jaghmel hsara kontra l-ligi izda sabiex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, ghadda minn moghdija li hija propjeta’ tal-kwerelant minghajr il-kunsens tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 85 u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront

tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitt Euro (€100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti ma jirrizultawx l-elementi li jikkostitwixxu r-reat *ta' ragion fattasi* skond l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk hu ma setax jinstab hati ta' dan ir-reat u lanqas tar-reat l-iehor kontemplat fl-art. 340 (d) tal-istess Kap. 9. Jidher li fis-sentenza appellata saret konfuzjoni evidenti fis-sens li kliem li stqarr l-appellant kien attribwit li intqal mill-kwerelant. Illi z-zewg sentenzi esebiti mill-appellant u cioe' dik tat-2 ta' Novembru, 1999 u dik tal-20 ta' Gunju, 2005, isahhu il-pozizzjoni tal-appellant. Gie fihom ritenut li sakemm il-konvenuti jaccedu fil-fond tal-attur limitatament ghall-iskopijiet biex isewwu xi kanali tal-ilma w biex jimxu mal-ilma sabiex dan ma jistaddx bil-weraq, ma kienx hemm lok li jigu inibiti milli jidhlu fl-ghalqa tal-attur, puche' li dan isir bil-kunsens tas-sid u ghar-ragunijiet imsemmija fil-ligi. Fis-sentenza tal-20 ta' Gunju, 2005, il-Qorti Civili, f' kawza ta' spoll istitwita kontra l-kwerelant prezenti, kienet ordnatlu sabiex inehhi l-ostakoli kollha li holoq abuzivament u bla ebda jedd fil-ligi, sabiex izomm lill-appellant milli jghaddi minn mal-kanali ghar-ragunijiet fuq indkati. Ghalhekk l-apprezzament tal-provi w l-interpretazzjoni tas-sentenzi tal-Qrati Civili li ghamlet Ewwel Qorti fis-sentenza appellata hija disttorta w zbaljata. L-Ewwel Qorti skartat il-fatt li ghal zmien twil wara s-sentenzi fuq imsemmija l-kwerelant kien accetta dak li kien gie deciz u l-appellant u familjari tieghu ma ltaqghu ma ebda xkiel. Kien biss f' dawn l-ahhar zmienijiet li l-kwerelant beda jfixkel bla bazi ta' xejn lill-apellant.

L-ittra li baghat l-appellant lill-kwerelant bid-data meta ser jghaddi mal-kanali, ma kienetx sfida lill-kwerelant kif interpretata l-Ewwel Qorti. Kien il-kwerelant li talab li jkun informat minn qabel meta l-appellant kien ser jghaddi w l-appellant hekk ghamel. L-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li l-kunsens tal-kwerelant ma setax jigi rifjutat arbitrarjament u bla raguni. Illi wara citazzjonijiet mill-gurisprudenza in materia, l-appellant issottometta wkoll li hu agixxa abbazi ta' dritt jew titolu li ma kienx semplicement pretiz minnu izda li kien attwalment rikonoxxut lilu minn sentenzi tal-Qorti tal-Appell Superjuri Civili. Inoltre hu agixxa fl-ambitu tal-ligi u bl-ebda mod ma holoq abbuz bil-maqlub tal-kwerelant. F' dan il-kaz la kienet pruvata l-intenzjoni tal-appellant u lanqas l-att materjali fl-agir tieghu sabiex jissussistu r-reati li bihom kien mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Semghet ix-xiehda fl-udjenza tat-2 t' April, 2009;

Semghet it-trattazzjoini tal-abbli avukat difensur, Dr. Alessia Zammit McKeon u tal-abbli avukat prosekutur, Dr. Jason Grima;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**Il-KWERELANT, FRANCIS FARRUGIA** xehed li fl-1 ta' Mejju, 2008, l-appellant kien dahal bir-rigel gol-ghalqa proprjeta' tieghu minghajr ma kellu dritt ta' xejn u bla ma qallu xejn u bla ma talbu biex jidhol. Din it-trejqa la ghandha passagg u lanqas trejqa. Hu ma kienx laqghu ghax peress li din il-kwistjoni ilha sejjra, l-Pulizija kienu qalulu li jekk jara lill-appellant ghaddej ma jkellmux izda johodlu ritratt. Hu rah u hadulu ritratt li hu esebit, li hu gharaf fil-Qorti. Din mhux l-ewwel darba li ghamilha l-appellant. Is-sena ta' qabel kien ghamilha wkoll. Ta'

Sammut ghandhom ir-raba taht tieghu w l-kanal tal-ilma hu taghhom. L-appellant jghid li qed jidhol ghandu ghax ghandu dritt jghaddi biex inaddaf il-kanali meta m'ghandu dritt ta' xejn. L-appellant tilef kawza civili dwar dan. L-appellant m'ghandu ebda dritt la ta' triq u anqas ta' passagg izda ghandu dritt jidhol biex isewwi xi hajt jew xi bicca xoghol ohra u jrid jitolbu w jidhol fil-prezenza tieghu fl-inqas zmien possibbli. F' din l-okkazjoni l-appellant ma kienx kellmu lilu pero' kienu baghtu 'karta' fejn qalulu meta kellhom l-ilma s-sena kollha w biex hu ma jkellimhomx. Hu kien mar b' din l-ittra ghand l-Avukat u dan kien irrispondihom li dik mhux ittra kif ghandhom jibghatuha. Ma kellhomx hsara. L-appellant irid jghaddi biex jipprova jipprofitta ruhu biex jakkwista t-trejqa.

Fil-kontro-ezami, l-kwerelant xehed li bejn iz-zewg eghlieqi hemm hitan tas-sejjiegh u fuq dal-hajt hemm il-kanal ta' Sammut li jghaddi l-ilma minnu. Jekk jinstadd il-kanal ghandu minn fejn jghaddi minn go tieghu Sammut, ghax jilhqu. Ma qabilx li skond is-sentenza fil-kawza civili biex il-familja Sammut jaghmlu xi xogholijiet fil-kanal, jew meta jingemgha l-weraq fil-kanal u l-ilma jigi mblokkat, bil-fors iridu jghaddu mill-proprjeta' tieghu biex jaghmlu dawn ix-xogholijiet. Irid jitolbu w hu jaghtih il-permess. Mentri l-appellant qabad u ghadda. Dak in-nhar dahal, mexa bicca, nehha zewg werqiet tal-liedna w baqa' ghaddej. Meta l-appellant rah bil-camera, aktar dahhal idejh fil-kanal biex taparsi qed jaghmel xi haga. Jidhol x' hin irid qieghed. Ikkonferma li kien irceva ittra tas-16 t' April, 2008, minnghand l-Avukat Dottor Joe Zammit Mc Keon li kiteb ghan-nom tal-familja Sammut u tah sensiela ta' dati meta ta' Sammut kienu ser jibdew jghaddu mal-kanali tal-ilma w jaghmlu tiswijiet skond il-bzonn fl-istess kanali. Hu kien irrisponda bl-avukat li dik l-ittra ma kienetx skond il-ligi. L-appellant pero' lanqas tah cans jirrispondi ghax wara jumejn kien dahal. Hu ma tax l-accettazzjoni tieghu ghal dawk id-dati.

**L-APPELLANT** xehed li huma ma rcevew ebda ittra minnghand l-avukat tal-kwerelant. Hu pprezuma li kellu l-kunsens biex seta' jidhol ghax kienu kellmu lill-Avukat Zammit Mc Keon fejn kienu qalulu li hemm, meta tibda' n-

nixfa, hemm il-kanali ghaddejjin gholi ta' qiesu sular peress li hemm dizlivell u l-kanali ma jintlahqux mill-ghalqa ta' Sammut. Hemm bejn hdax u tnax il-pied dizlivell. Huma hemm ghandhom dritt ghall-ilma minn gol-mina ghal tlitt ijiem fil-gimgha biex isaqqu r-raba taghhom. F' dawk it-tlitt ijiem huma jghaddu minn mal-kanali biex, jekk jaqghu xi weraq u jkun hemm xi sadd, jifthuh. Kif jiftah l-istagun, l-ewwel ma jaghmlu jirrangaw il-kanali, jkahhluhom u jduruhom. Umbaghad fit-tlitt ijiem li jkun imisshom jiehdu l-ilma, jghaddu mal-kanali tal-ilma biss. Huma ma ghandhom ebda dritt li jghaddu ghall-ghalqa taghhom min hemm; jghaddu biss meta jkun hemm l-ilma mal-kanali. Dan l-ahhar mid-dati tas-sentenzi esebiti kien ilhom jghaddu minn hemm. Kienu qed javzaw lill-kwerelant kull sena kif avzawh fis-sena 2008 li ser jghaddu w tawh il-granet. Il-kwerelant gieli rrisponda ghal dawn l-ittri w gieli le. Huma pero' kienu jghaddu regolari w ma kienx ikellimhom. Fis-sena 2008 kellimhom.

L-appellant zied jixhed li dak in-nhar tal-1 ta' Mejju, 2008, hu kien fetah l-ilma minn gol-mina w beda niezel mal-kanal bil-mod u fejn ikun hemm weraq u sadd jew ikun hemm xi maskra jkahhalha, biex ma jinzilx l-ilma fir-raba tal-kugini tieghu.

In kontroezami, l-appellant qal li fl-okkazzjoni ta' Mejju 2008 kien baghat ittra lill-kwerelant li pero' ma risspondihiex. Il-kwerelant qatt ma tahom permess verbalment biex jidhlu imma kienu jghaddu qabel ukoll.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant instab hati tar-reat ta’ *“ragion fattasi”* jew dak li jissejjah *“the exercise of a pretended right*. Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija speci ta’ zona grigja bejn il-kamp civili w dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson, meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti, kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

*“It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies*

*by way of interdict of or claim for damages.....”* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law” (Parti Speciali) Vol. II)

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li l-elementi kostituttivi tar-reat in dizamina taht l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta huma erbgha w cioe’ :-

a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta’ dan il-haddiehor;
b) il-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta’ dritt;
c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel “*di braccio privato”* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita’ pubblika; u
d) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi .
(ara Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Carmel Farrugia"** (17.2.1995) , “**Il-Pulizija vs. Reno Micallef “** (6.6.1995 ) , **“Il-Pulizija vs. Mark John Schembri “** (18.9.2002) u ohrajn. )

Element importanti kostituttiv tar-reat huwa dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li jezercita dritt li jahseb li ghandu. Ghalhekk ikun hemm bzonn li ssir indagni tal-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha. Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun ikollu. Hemm bzonn ta' att pozittiv li jippriva lit-terz jew ifixkluh fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Programma. Parte Speciale Vol. V, para 2850):-

*"l'atto esterno deve privare l' altro contro la voglia di un bene che gode. Chi e' nell'abituale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque perche la legge protegge lo stato quo il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziaria."*

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi fuq riassunti jirrizulta li l-vertenza odjerna ghandha gheruq antiki w tirrigwarda d-dritt ta' access tal-membri tal-familja Sammut minn fuq ir-raba tal-kwerelant biex isewwu w jnaddfu kanali tal-ilma li hemm ghaddejjin fuq il-hajt tas-sejjiegh li jifred ir-raba tal-kwerelant Farrugia li qieghed f' livell aktar gholi mir-raba ta' Sammut li qieghed f' livell aktar baxx.

L-appellant mhux qed jikkontesta il-fatt li hu ghadda minn fuq ir-raba tal-kwerelant fil-jum imsemmi fl-akkuza izda qed jibbaza d-difiza tieghu fuq id-dritt ta' access li jippretendi li ghandu u dak li gie deciz f' diversi sentenzi tal-Qorti Civili, Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell li jinsabu esebiti fil-process u partikolarment dak li gie deciz mill-istess Qorti tal-Appell fil-kawza "Francis Farrugia vs. Salvu Sammut et." fit-2 ta' Novembru, 1999.

F' dik il-kawza fejn il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-attur Farrugia, intqal *inter alia* li :-

"*Dwar l-ahhar lanjanza …il-Qorti jidhrilha li din hija wkoll infondata ghar-raguni li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlitha cara li l-konvenuti* (Sammut) *jistghu jezercitaw id-dritt ta' access fil-fond tal-attur appellant* (Farrugia*) 'limitatament ghal dawn l-iskopijiet'* ***[jkunu jridu jsewwu xi kanali li jinkisrru u biex jimxu mal-ilma sabiex dana ma jinstaddx bil-weraq li jaqa' ]*** *dawk igifieri msemmija fl-art. 446 tal-Kap.16 liema dritt ziedet tghid irid jintuza fl-"ambitu tal-ligi" u li proprju ghalhekk ma hemmx lok li huma jigu inibiti milli jidhlu fl-ghalqa tal-attur* (Farrugia*) <u>purche' dana jsir bil-kunsens tas-sid</u> u ghar-ragunijiet imsemmija fil-ligi."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa l-appellant qed jghid li hu kien kiteb lil Farrugia per mezz tal-ittra tal-Avukat (illum Imhallef Dr.J. Zammit Mc Keon) tas-16 t' April, 2008, (fol. 27 et seq. tal-process), fejn l-ahwa Sammut kienu avzaw lill-kwerelant bid-dati meta kienu ser jaccedu fir-raba tieghu w, fost dawn id-dati, kien hemm proprju id-data tal-1 a' Mejju, 2008, data tal-allegati reati. Pero' l-appellant jghid li ma kienx irceva

risposta ghal din l-ittra. B' dana kollu ghadda xorta wahda minkejja li dan l-ahhar l-appellant kien beda jilqaghhom.

Ikkonsidrat;

Illi fil-fehma tal-Qorti is-soluzzjoni ghall-din il-vertenza f' din il-kawza tinstab fl-ahhar rizerva li ghamlet il-Qorti tal-Appell fil-bran mis-sentenza appena citata, sottolineata minn din il-Qorti. Hemm dik il-Qorti arginat id-dritt tal-access u ghamlitu suggett ghall-kunsens tal-kwerelant Farrugia. Issa f' dan il-kaz tali kunsens minn imkien ma jirrizulta li nghata minn Farrugia, anzi jidher li Farrugia, tajjeb jew hazin kien qed joggezzjona kemm espressament jew implicitament. Il-fatt li nkitbet l-ittra tal-Avukat bl-avviz tad-dati ma jfissirx li kien inkiseb dan il-kunsens.

B'dana kollu l-appellant xorta hass li kellu d-dritt li jidhol fuq l-ghalqa tal-attur ghax ippretenda li kellu dritt li jaghmel dan. Dan hu proprju l-*exercise of a pretended right* li jifforma l-element materjali tar-reat in dizamina. Fil-fehma ta' din il-Qorti jezistu l-elementi kollha tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, ghax l-appellant ghamel att estern konsisteni fid-dhul fl-ghalqa ta' Farrugia b' mod li spoljah minn xi haga li kien qed igawdi, liema att kien esegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta’ Farrugia. Dan ghamlu bil-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta’ dritt. Meta ma kellux il-kunsens ta' Farrugia ha l-ligi b' idejh u hekk gie li ghamel “*di braccio privato”* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita’ pubblika.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ampjament.

Tirrizulta ukoll it-tieni imputazzjoni ta' vjolazzjoni ta' proprjeta' kontemplata fl-artikolu 340 (d) tal-Kodici Kriminali, pero' bejn din l-imputazzjoni w l-ewwel imputazzjoni hemm il-konkors ideali w formali w ghalhekk din l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda.

Ghar-rigward tal-piena, peress li l-Ewwel Qorti ma semmietx il-fatt li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda w tat piena pekunjarja kumulattiva wahda, li

x' aktarx tinkludi ukoll parti mill-piena ghat-tieni imputazzjoni, jidher li hemm lok ghal certu temperament fil-piena biex jirrifletti dan.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet u l-addebitu tar-recidiva dedotti kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghall-multa ta' mitt Ewro (€ 100) u minnflok in vista tal-konkors formali w ideali bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tikkundannah ghal multa ta' hamsa w sebghin Ewro (€ 75).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------